MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Numru. 1006/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jason Agius)**

**v**

**Geoffrey Xuereb ta’ 45 sena**
**iben Joseph u Doris nee Borg, imwieled**
**Msida fl-4 ta’ Dicembru, 1958,**
**u joqghod 10, Triq il-Barmil, Ibrag,**
**Swieqi detentur tal-karta tal-identita’**
**bin-numru 63159 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Geoffrey Xuereb li gie akkuzat talli fil-15 ta’ Novembru, 2004 f’xi hin bejn 4.00 p.m. u 4.15 p.m. fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, Gudja volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe n-nuccali tal-vista ghad-detriment ta' Gatesy Andrew Imre liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin, imma hu izjed minn hamsin lira Maltin;
(2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Gatesy Andrew Imre skond kif iccertifika Dr Anthony Buttigieg MD,
(3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubbliku u l-bon ordni b'ghajjat u glied,
(4) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi kliem insulenta jew hedded lil Gatesy Andrew Imre,
(5) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Gatesy Andrew Imre sabiex jingurja, idejqu jew jaghmillu hsara;
(6) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi imbotta lil Gatesy Andrew Imre biex iweggghu u jinsulentah.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna Gatesy Andrew Imre u tapplika l-provedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri kif ukoll li hu wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi f'din il-kawza ngabu jixhdu tliet xhieda okulari apparti ghall-parti leza u l-istess akkuzat li ghazel li jiddeponi.

Illi xhud minnhom Albert Marshall ma kien xejn illuminanti ghaliex okkupat kif kien b'telefonata fuq ic-cellulari tieghu, baqgha fil-vettura tieghu u wera ftit jew xejn attenzjoni versu l-istess glieda bejn l-akkuzat u Andrew Gatesy.

Jane Marshall min-naha taghha xehdet illi hi rat din il-glieda bejn l-akkuzat u ragel iehor li fil-fehma taghha kien ghadu gej minn barra minn Malta, tant li anke kellu l-boot tal-vettura tieghu miftuh. Tghid li dan ta’ l-ahhar sofra griehi f’wahda minn idejh. Mid-diskors li kien qed jinghad Mrs Marshall fehmet illi kellha x’taqsam il-mara ta’ l-akkuzat. Tghid ukoll din ix-xhud li l-persuna t-twila (ghalina Gatesy) allura li hin minnhom kien anke ma’ l-art l-iktar li kien qed jaqla’, tghid fil-fatt li r-ragel li kien ma’ l-art kien l-istess ragel li hi rat gej minn barra.

Xhud iehor okulari kien certu Anthony McKay. Dan ix-xhud waqt likien xoghol semgha ghajjat, hares u ra tnejn min-nies jiggieldu li fil-fatt hu mar iferraq.

Jiddeskrivi hekk dak li ra cioe fejn kienu u x’kienu qeghdin jaghmlu dawn it-tnejn min-nies meta rahom: “Bil-wieqfa u wiehed minnhom waqa’”. Wiehed minnhom kien ma’ l-art u qam jigifieri imbaghad inqabdu flimkien” (a fol 38).

Ra anke li l-affarijiet tat-trolley kienu mferrxa tant li ghen biex jingabru l-istess. Jghid ukoll illi l-Ingliz, sid l-oggetti mferrxa anke talbu l-ghajnuna, jikkonferma illi hu ra wkoll in-nuccali (Dok B) miksur. Dan in-nuccali rrizulta li fil-fatt hu ta’ Gatesy.

Jikkonferma wkoll id-dinamika ta’ l-incident billi jghid illi:

- meta hares lura semgha l-ghajjat
- l-Inlgiz rah ma’ l-art
- ra l-Ingliz iqum
- ra lill-iehor “irrabjat qisu” (a fol 41)
- ra lill-iehor jaghti bis-sieq lill-Ingliz
- l-Inlgiz talbu l-ghajnuna u ghalhekk hadu l-ghassa
- L-iehor telaq minn fuq ix-xena ta’ l-incident
- Jghid ukoll in kontro ezami li t-tnejn min-nies taw bil-ponn, pero’ izid li l-Malti izjed (a fol 46). Izid pero’ a fol 49 anke hawn in kontro ezami illi meta l-Ingliz ta bil-ponn hu kien gia qalgha.

Ittella’ jixhed ukoll il-parti leza, Andrew Gatesy. Spjega li hu kien ghadu gej minn titjira twila u kif hareg ghall-vettura tieghu gol-parking ta’ l-ajruport sab lill-akkuzat jistennieh hdejn il-vettura tieghu. Hawn l-akkuzat beda jxejjirlu f’wiccu bicca karta u spicca xejjirlu daqqa ta’ ponn u b’din id-daqqa “...he knocked my glasses off” a fol 22. Hawn l-akkuzat beda anke jferrixlu l-oggetti li kellu fuq it-trolley ma’ l-art.

Ikompli jghid hekk:

“Then he threw me on the floor, he started kicking me on the ground (a fol 23).

Ikkonferma li hu minn din l-aggressjoni sofra dislocation ta’ subghajh, esebixxa ghalhekk id-dokument A li huwa X Ray li juri din id-dislokazzjoni (vide anke certifikat mediku a fol 12). Minhabba l-fatt li Gatesy baqa’ jinsisti illi hu ma kellux funzjoni totali ta’ subghajh, il-Qorti laqghet it-talba tal-parte civile illi gie nominat espert stante ghall-fatt li l-griehi kien aktar serji minn dawk dedotti fl-akkuza skond kif iccertifika Dr Anton Buttigieg, u cioe griehi ta’ natura hafifa. Ghal dan l-iskop gie nominat Mr Charles Grixti li kkonkluda illi verament Gatesy kien sofra slogazzjoni u li kellu dizabilita’ ta’ 2%. Ma specifikax l-espert in-natura tal-griehi.

Illi fil-fatt ma saret ebda talba biex tinbidel in-natura ta’ l-akkuza u ghalhekk in kwantu l-piu comprende il meno pero’ zgur mhux teorija li tahdem bil-kontra, l-Qorti se tikkonsidra biss l-akkuza ta’ griehi ta’ natura hafifa. Hija in kwantu hekk il-fehma ta’ din il-Qorti li certament, Gatesy spicca sofra griehi ta’ natura hafifa (almenu) tramite l-aggressjoni ta’ l-akkuzat. Anzi ghandu jqis lilu nnifsu xortih tajba l-akkuzat li ma giex addebitat b’akkuzi aktar serji f’dan ir-rigward.

Hija wkoll tal-fehma din il-Qorti li Geoffrey Xuereb ghandu wkoll jinzamm responsabbli tal-hsarat illi gew ikkagunati fuq in-nuccali ta’ Gatesy (vide Dok B fol 113 u x-xhieda ta’ Chris Sansone fol 28 et seq).

Jinghad ukoll illi l-akkuzat ghazel li jiddeponi. Fil-fatt kienet l-istess depozizzjoni ta' l-akkuzat li aktar ikkonvinciet lill-Qorti mir-responsabilita' kriminali tieghu. Fil-fatt l-istess ex admissis jammetti illi ghalkemm separat minn martu, kien sar jaf ricentement li bejnha u bejn Gatesy kienet ilha ghaddejja relazzjoni. Fil-fatt jghid testwalment:

"... jien mort ghas-sodisfazzjoni"
"Sirt naf bit-telefonati, biljetti ta' l-ajru, rawhom flimkien", b'referenza ghal Gatesy u mart Xuereb.

Ikompli
"Jien sirt naf u mbaghad mort ghas-sodisfazzjoni, ghidtlu ifhem dawn x'affarijiet huma. Din kienet qed taqlibieli mieghu hux cara daqs il-kristall."

Izid jghid Xuereb li hu pero' ggieled ma' Gatesy ghax dan ta' l-ahhar qallu kelma zejda.

Jghid ukoll li hu spicca anke qalgha xi daqqiet minghand Gatesy (vide Dok D a fol 17) li hu certifikat mediku a favur l-akkuzat.

Ikkonsidrat

Issa bla tlaqliq din il-Qorti tista' tikkonkludi illi bla dubju Geoffrey Xuereb huwa hati ta' l-akkuzi lilu addebitati, rizultanti din il-konkluzjoni primarjament mix-xhieda tieghu stess u minn dik ta' Jane Marshall u Anthony McKay li jikkorroboraw ben sew dak despost minn Gatesy.

Illi lanqas ma ghandu jippretendi l-akkuzat illi wara li kien hu li mar ghas-sodisfazzjoni u sawwat lil Gatesy li dana ta' l-ahhar joqghod hemm jaqla u ma' jiddefendix lilu nnifsu allura ma ghandux jippretendi ebda simpatija in kwantu ghal griehi minnu sofferti.

Ghaldaqstant qed issibu hati tar-reati ikkontemplati taht l-artikolu 325b, 221, 338(dd), 339(c), 339(d), 339(l) tal-Kapitlu 9. Rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kap 9. Dwar il-piena kkonsidrat il-fedina penali tieghu. Rat l-artiklu 28A tal-

Kapitlu 9 u tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba’ snin.

Spjegat lilu s-sinifikat ta’ sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------